Parlament Ewropew
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0219/2023 }**
**B9-0220/2023 }**
**B9-0221/2023 }**
**B9-0222/2023 }**
**B9-0223/2023 } RC1**

19.4.2023

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B9-0219/2023 (The Left)
B9-0220/2023 (Verts/ALE)
B9-0221/2023 (PPE)
B9-0222/2023 (S&D)
B9-0223/2023 (Renew)

dwar id-dekriminalizzazzjoni universali tal-omosesswalità, fid-dawl tal-iżviluppi reċenti fl-Uganda
(2023/2643(RSP))

**Maria Walsh, Frances Fitzgerald, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Tomas Tobé, Henna Virkkunen**
f'isem il-Grupp PPE
**Pedro Marques, Karsten Lucke, Evin Incir, Marc Angel, Thijs Reuten**
f'isem il-Grupp S&D
**Pierre Karleskind, Abir Al-Sahlani, Petras Auštrevičius, Izaskun Bilbao Barandica, Sylvie Brunet, Olivier Chastel, Catherine Chabaud, Asger**

**Christensen, Ilana Cicurel, Katalin Cseh, Charles Goerens, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Svenja Hahn, Karin Karlsbro, Ilhan Kyuchyuk, Moritz Körner, Karen Melchior, Jan-Christoph Oetjen, Urmas Paet, Frédérique Ries, Catharina Rinzema, María Soraya Rodríguez Ramos, Ramona Strugariu, Irène Tolleret, Dragoş Tudorache, Emma Wiesner, Hilde Vautmans, Salima Yenbou**
f'isem il-Grupp Renew
**Kim Van Sparrentak**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Malin Björk**
f'isem il-Grupp The Left
Fabio Massimo Castaldo, Assita Kanko

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-dekriminalizzazzjoni universali tal-omosesswalità, fid-dawl tal-iżviluppi reċenti fl-Uganda
(2023/2643(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni dwar il-protezzjoni kontra l-vjolenza u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem kontra persuni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru reali jew imputata tagħhom, adottata fil-55 Sessjoni Ordinarja tal-Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli f'Luanda, l-Angola mit-28 ta' April sat-12 ta' Mejju 2014,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta ffirmata minn 85 pajjiż fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tat-22 ta' Marzu 2011 dwar it-tmiem ta' atti ta' vjolenza u ksur relatat tad-drittijiet tal-bniedem abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji ta' Yogyakarta dwar l-applikazzjoni tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Espert Indipendenti dwar il-protezzjoni kontra l-vjolenza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru tal-11 ta' Mejju 2018,

– wara li kkunsidra l-ħidma tal-Grupp Ristrett tal-LGBTIQ tan-NU, b'mod partikolari d-dikjarazzjoni tiegħu tad-19 ta' Marzu 2023 li tistieden lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jintegra aħjar id-drittijiet tal-bniedem tal-LGBTIQ fil-mandat internazzjonali tiegħu għall-paċi u s-sigurtà,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tan-NU 70/1 bit-titolu "Transforming our World – the 2030 Agenda for Sustainable Development" (Nittrasformaw id-Dinja tagħna – l-Aġenda 2030 għal Żvilupp Sostenibbli) (l-Aġenda 2030), adottata fis-Summit tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fi New York fil-25 ta' Settembru 2015, u li tistabbilixxi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs),

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-2022 tal-Kumitat tan-NU għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) fil-każ ta' *Rosanna Flamer-Caldera* vs *Is-*

*Sri Lanka*,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-25 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024" (JOIN(2020)0005),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025" (COM(2020)0698),

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u l-UE (il-Ftehim ta' Cotonou) tal-2000, u l-klawżoli u l-impenji dwar id-drittijiet tal-bniedem li jinsabu fih, b'mod partikolari l-Artikoli 8(4), 9, 31a(e) u 96, kif ukoll l-Artikolu 65,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE li jippromwovu u jipproteġu t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-naħa tal-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTIQ), adottati fl-24 ta' Ġunju 2013,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt, adottati fit-12 ta' April 2013,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-Nondiskriminazzjoni fl-Azzjoni Esterna, adottati fit-18 ta' Marzu 2019,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem[1],

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikoli 21 u 26 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-aġenda dwar l-inklużjoni u d-diversità 2023-2025 fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, adottata fis-6 ta' Marzu 2023,

– wara li kkunsidra l-Abbozz ta' Liġi tal-Uganda Kontra l-Omosesswalità tal-21 ta' Marzu 2023,

– wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-Uganda tal-1995,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Uganda,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni li saret fid-29 ta' Marzu 2023 mill-esperti tan-NU li tikkundanna l-leġiżlazzjoni xokkanti kontra l-LGBT fl-Uganda,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-

[1] ĠU L 410I, 7.12.2020, p. 1.

Bniedem, Volker Türk, tat-22 ta' Marzu 2013,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-bnedmin kollha huma mwielda liberi u ndaqs fid-dinjità u fid-drittijiet;

B. billi d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tiddefendi d-dinjità inerenti u d-drittijiet ugwali tal-bnedmin kollha mingħajr distinzjoni ta' ebda tip, inklużi d-drittijiet inaljenabbli għall-ħajja, il-libertà, is-sigurtà personali u l-protezzjoni mid-diskriminazzjoni, il-libertà mill-arrest arbitrarju jew mid-detenzjoni u r-rispett għall-privatezza;

C. billi s-sesswalitajiet u l-identitajiet tal-ġeneru differenti kienu tradizzjonalment jeżistu f'ħafna kulturi antiki, inklużi kulturi Afrikani;

D. billi l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli tipprevedi li kull individwu għandu jkun intitolat li jgawdi d-drittijiet u l-libertajiet rikonoxxuti u ggarantiti f'din il-Karta mingħajr ebda tip ta' distinzjoni (l-Artikolu 2), li kull individwu għandu jkun ugwali quddiem il-liġi u kull individwu għandu jkun intitolat għal protezzjoni ugwali tal-liġi (l-Artikolu 3), u li kull bniedem għandu jkun intitolat għar-rispett ta' ħajtu u l-integrità tal-persuna tiegħu u ħadd ma jista' jiġi mċaħħad arbitrarjament minn dan id-dritt (l-Artikolu 4);

E. billi l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) jirrikonoxxi d-dritt għall-ħajja bħala dritt fundamentali tal-bniedem u jiddikjara b'mod espliċitu li l-piena tal-mewt ma għandhiex tiġi imposta għal reati mhux vjolenti jew għal reati mwettqa minn individwi li kienu taħt l-età ta' 18-il sena fiż-żmien tar-reat; billi l-ICCPR jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali u billi l-impożizzjoni tal-piena tal-mewt għal relazzjonijiet bejn persuni tal-istess sess tikser dan il-prinċipju;

F. billi 61 pajjiż madwar id-dinja – prinċipalment fl-Afrika, fil-Lvant Nofsani u fl-Asja – jikkriminalizzaw l-omosesswalità u l-identità transġeneru bil-liġi; billi żewġ pajjiżi addizzjonali jikkriminalizzawha *de facto*; billi fil-Qatar, l-Arabja Sawdija, l-Afganistan, l-Iran, il-Jemen, is-Somalja, l-Emirati Għarab Magħquda, il-Brunei, it-Tramuntana tan-Niġerja, il-Mauritania u l-Pakistan, il-piena għal atti sesswali kunsenswali bejn persuni tal-istess sess hija l-mewt;

G. billi l-liġijiet li jikkriminalizzaw l-attività sesswali kunsenswali bejn persuni tal-istess sess jiksru d-drittijiet tal-bniedem fundamentali u protetti internazzjonalment;

H. billi hemm moviment globali favur id-dekriminalizzazzjoni tal-omosesswalità u l-identitajiet transġeneru, peress li l-għadd ta' pajjiżi li jikkriminalizzaw atti kunsenswali bejn persuni tal-istess sess naqas minn 113 fl-1990 għal 64 fl-2023; billi dan il-moviment qed jiġi xprunat minn realizzazzjoni dejjem ikbar li l-liġijiet li jikkriminalizzaw l-omosesswalità u l-identità transġeneru huma diskriminatorji u jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u li l-progress soċjetali jitlob aċċess ugwali għad-drittijiet; billi dan il-momentum dejjem jikber joffri tama li d-dinja miexja lejn futur

aktar ġust u ekwu li fih l-individwi kollha jkunu liberi li jgawdu d-drittijiet tagħhom mingħajr biża' ta' diskriminazzjoni jew persekuzzjoni;

I. billi f'April 2023, il-Gżejjer Cook saru l-aħħar pajjiż li ddekriminalizza l-omosesswalità billi emenda l-Att dwar ir-Reati tiegħu; billi fil-bidu tal-2023, Singapore ddekriminalizza "atti indeċenti bejn l-irġiel" billi emenda l-Kodiċi Penali tiegħu;

J. billi f'ħafna każijiet reċenti, id-dekriminalizzazzjoni ta' relazzjonijiet kunsenswali bejn persuni tal-istess sess irriżultat minn sentenzi tal-qorti, bħas-sentenza orali tal-Qorti Superjuri ta' Barbados ta' Diċembru 2022 u s-sentenza tal-Qorti Suprema tal-Karibew tal-Lvant ta' Awwissu 2022;

K. billi fil-21 ta' Marzu 2023, il-Parlament tal-Uganda adotta l-Abbozz ta' Liġi Kontra l-Omosesswalità (minn hawn 'il quddiem "l-Abbozz ta' Liġi"); billi l-Abbozz ta' Liġi jipproponi l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt għar-reat ta' "omosesswalità aggravata", għomor il-ħabs għar-reat ta' "omosesswalità", sa 14-il sena ħabs għal "attentat ta' omosesswalità" u sa 20 sena ħabs għal "promozzjoni tal-omosesswalità"; billi dan tal-aħħar jinvolvi ċ-ċensura sħiħa tal-kwistjonijiet tal-LGBTIQ, inkluż għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jwettqu ħidma ta' promozzjoni u kura tas-saħħa bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem; billi din il-leġiżlazzjoni tmur kontra d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali tal-Uganda stess li jistipulaw l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni għal kulħadd;

L. billi diġà ġew proposti iterazzjonijiet preċedenti ta' abbozzi ta' liġi simili li jipprojbixxu l-promozzjoni tal-omosesswalità u ta' atti omosesswali fl-2009, fl-2012, fl-2013 u fl-2014, u dan huwa indikazzjoni tal-propensità għall-istigmatizzazzjoni sistematika ta' persuni LGBTIQ; billi l-politiċi u l-mexxejja reliġjużi nazzjonali u barranin kellhom rwol ċentrali fl-inċitament tar-retorika ta' mibegħda kontra l-persuni LGBTIQ fl-Uganda; billi diġà qed tiġi osservata żieda fil-vjolenza verbali u fiżika b'riżultat tal-adozzjoni tal-Abbozz ta' Liġi;

M. billi l-President Museveni għamel dikjarazzjonijiet xewwiexa; billi għadu ma ppromulgax l-Abbozz ta' Liġi;

N. billi fi Frar 2023 biss, aktar minn 110 persuni LGBT fl-Uganda rrapportaw inċidenti, inklużi arresti, vjolenza sesswali, żgumbramenti u tneżżigħ fil-pubbliku;

O. billi l-Uganda ilha parti għall-ICCPR mill-1995;

P. billi l-UE hija l-ikbar sieħeb tal-Uganda fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp; billi l-programm indikattiv pluriennali tal-UE għall-Uganda għall-2021-2024 għandu baġit totali ta' EUR 375 miljun;

Q. billi r-reġim globali l-ġdid ta' sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem, skont il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, jippermetti lill-UE tirreaġixxi għall-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, irrispettivament minn fejn iseħħu, inklużi l-każijiet ta' qtil arbitrarju u t-trattament jew pieni inumani jew degradanti;

R. billi s-sitwazzjoni fl-Uganda tirriskja li jkollha effett negattiv fir-reġjun, u billi l-Kenja, in-Niġer u t-Tanzanija ressqu abbozzi ta' liġi simili;

S. billi l-Istati Membri kollha tal-UE ddikjaraw ripetutament l-oppożizzjoni soda tagħhom għall-piena tal-mewt f'kull mument u f'kull ċirkostanza, filwaqt li kkunsidrawha bħala trattament inuman u degradanti u li tmur kontra d-dinjità tal-bniedem; billi l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jippromwovu bla heda l-abolizzjoni totali tal-piena kapitali;

T. billi l-Istati Membri kollha tal-UE kkundannaw mingħajr ambigwità l-liġijiet, il-politiki u l-prattiki diskriminatorji, inkluża l-kriminalizzazzjoni ta' relazzjonijiet kunsenswali tal-istess sess bejn l-adulti jew ta' identitajiet transġeneri; billi l-Istati Membri talbu lill-UE taħdem biex tikseb id-dekriminalizzazzjoni tal-omosesswalità u l-identità transġeneru; billi f'għadd ta' okkażjonijiet, il-Parlament stieden lill-pajjiżi mhux tal-UE jersqu lejn id-dekriminalizzazzjoni bħala mod biex jiżguraw l-indiviżibbiltà u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha mill-persuni LGBTIQ kollha;

U. billi l-Artikolu 21 tat-TUE jistipula li "l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali għandha tkun gwidata mill-prinċipji li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha", b'mod partikolari "d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali";

V. billi l-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE għandha l-għan li tiżviluppa u tikkonsolida d-demokrazija u l-istat tad-dritt, u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

W. billi l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp jimpenja lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw approċċ għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem kollha;

X. billi l-iskema Kollox Minbarra Armi (KMA) tal-UE tneħħi t-tariffi u l-kwoti għall-importazzjonijiet kollha ta' oġġetti (ħlief armi u munizzjon) li jidħlu fl-UE minn pajjiżi l-inqas żviluppati; billi l-UE tista' tirtira l-preferenzi tal-KMA għal ksur serju u sistematiku tal-prinċipji stabbiliti fil-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u d-drittijiet tax-xogħol, bħal abbużi sistemiċi tad-drittijiet tal-bniedem;

**Żviluppi reċenti fl-Uganda**

1. Jikkundanna, bl-aktar mod qawwi possibbli, l-Abbozz ta' Liġi adottat fil-21 ta' Marzu 2023 mill-Parlament tal-Uganda, li jżid is-sentenzi u jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Uganda li tikkriminalizza l-omosesswalità u l-identità transġeneru; iqis li l-adozzjoni tiegħu jikkostitwixxi ksur flagranti tal-Kostituzzjoni tal-Uganda u tal-obbligi internazzjonali tal-Uganda li jirriżultaw mill-Karta Afrikana u l-arkitettura tad-dritt internazzjonali tan-NU, bħad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-ICCPR u l-Karta tan-NU; jenfasizza li dan l-Abbozz ta' Liġi jmur ukoll kontra l-impenji

politiċi tal-pajjiż dwar l-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari l-SDGs 3, 5, 10 u 16, u b'mod attiv ipoġġi d-drittijiet, is-saħħa u s-sigurtà tan-nies f'riskju gravi;

2. Huwa allarmat bil-fatt li 2 biss minn 389 leġiżlatur ivvutaw kontra l-Abbozz ta' Liġi; jiddeplora l-kummenti tal-President Museveni, li kompla jikkontribwixxi għar-retorika ta' mibegħda fil-konfront ta' persuni LGBTIQ; huwa mħasseb dwar in-numru ta' politiċi, mexxejja reliġjużi u persunaġġi tal-media li istigaw il-mibegħda; iqis li l-istigmatizzazzjoni ta' persuni LGBTIQ mill-maġġoranza tal-klassi politika Ugandiża tikkostitwixxi żvilupp gravi li jaffettwa l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti internazzjonalment; iqis li l-promulgazzjoni ta' dan l-Abbozz ta' Liġi inevitabbilment toħloq pressjoni fuq ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Uganda u tkun teħtieġ li l-UE torjenta mill-ġdid l-attenzjoni tagħha;

3. Ifakkar lill-Gvern tal-Uganda fl-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali u skont il-Ftehim ta' Cotonou, li jitolbu r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem universali u tal-libertajiet fundamentali;

4. Jesprimi l-appoġġ u l-ammirazzjoni tiegħu għall-membri parlamentari u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili Ugandiżi li kellhom il-kuraġġ li jiddefendu ruħhom u jitkellmu pubblikament kontra l-Abbozz ta' Liġi;

5. Jemmen li l-gravità tas-sitwazzjoni tiġġustifika kundanni u risponsi istituzzjonali mill-iktar b'saħħithom u jistħoqqilha reazzjoni fil-livelli kollha ta' diplomazija tal-UE;

6. Ifakkar li dan l-Abbozz ta' Liġi huwa biss l-aħħar pass tal-Uganda fit-triq inkwetanti li ilha ssegwi għal diversi snin, li qed iseħħ f'kuntest ta' żieda fir-retorika omofobika fost il-politiċi, il-mexxejja reliġjużi u personalitajiet importanti oħra fis-soċjetà Ugandiża, bi pressjoni dejjem ikbar fuq is-soċjetà ċivili, kif ukoll żieda fid-diskors ta' mibegħda fil-konfront ta' persuni LGBTIQ sponsorjat mill-Istat, li jinċita l-mibegħda u l-vjolenza; jikkundanna din il-bigotrija, dan il-preġudizzju u din id-diskriminazzjoni fis-seklu 21;

7. Ifakkar ukoll li l-vjolenza sesswali kontra n-nisa u l-bniet hija mifruxa fl-Uganda u li hemm korrelazzjoni bejn il-mibegħda u l-vjolenza kontra l-persuni LGBTIQ u l-vjolenza kontra n-nisa u n-nuqqas ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri;

8. Ifakkar li l-Uganda kienet minn ta' quddiem fil-ġlieda kontra l-HIV u l-istigma assoċjata; ifakkar li, fl-2021, it-tixrid tal-HIV fl-irġiel li jkollhom relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra kienet ta' 12,7 %; jinnota bi tħassib li din il-prevalenza hija ogħla b'mod sinifikanti minn dik għall-irġiel eterosesswali u ogħla mill-medja nazzjonali; jenfasizza li l-liġi m'għandhiex tintuża biex iċċaħħad lill-Ugandiżi mid-dritt għal servizzi u mediċini tal-HIV u jistieden lill-gvern jipprovdi aċċess aħjar għalihom; jagħmel referenza għall-evidenza inkontestabbli ppreżentata mill-UNAIDS li l-liġijiet li jikkriminalizzaw iżommu l-komunitajiet 'il bogħod mis-servizzi li jsalvaw il-ħajjiet;

9. Jiddeplora bil-qawwa u jikkundanna d-deċiżjoni tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi tal-Uganda tal-5 ta' Awwissu 2022 li jagħlaq is-Sexual Minorities Uganda (Minoranzi Sesswali Uganda), l-organizzazzjoni ewlenija

tad-drittijiet LGBTIQ tal-pajjiż; jagħti l-appoġġ sod tiegħu lil Frank Mugisha, il-fundatur u l-mexxej ta' din l-organizzazzjoni, li ddedika ħajtu għall-ġlieda għad-drittijiet tal-LGBTIQ fl-Uganda;

**Is-sitwazzjoni tad-dekriminalizzazzjoni fid-dinja**

10. Jikkundanna mingħajr ambigwità l-liġijiet, il-prattiki u l-pożizzjonijiet uffiċjali kollha li jikkriminalizzaw l-omosesswalità u l-identità transġeneru;

11. Iqis li tali liġijiet jikkontradixxu kompletament id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u jiksru d-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBTIQ, inkluż id-dritt għall-ħajja, il-privatezza, il-libertà, is-sigurtà, is-saħħa u l-espressjoni, kif ukoll il-libertà ta' assemblea paċifika u ta' assoċjazzjoni; iqis li l-kriminalizzazzjoni tal-omosesswalità u tal-identità transġeneru toħloq sitwazzjoni ta' apartheid billi ċċaħħad parti tal-popolazzjoni mill-protezzjoni tal-istat u tal-liġi, irrispettivament mill-penali preskritti;

12. Jinsisti li, billi tiġi pprojbita l-eżistenza tagħhom, il-kriminalizzazzjoni tal-omosesswalità u l-identità transġeneru tpoġġi lill-persuni LGBTIQ fil-mira, iżżid ir-riskju tagħhom li jiġu rikattati mill-awtoritajiet jew minn ċittadini oħra u tinkoraġġixxi diskors ta' mibegħda, reati ta' mibegħda u diskriminazzjoni kontrihom;

13. Ifakkar fir-riskji għas-saħħa kkawżati mill-kriminalizzazzjoni tal-omosesswalità u l-identità transġeneru, peress li l-kriminalizzazzjoni tipprevjeni politiki tas-saħħa komunitarji u tipprevjeni lill-persuni LGBTIQ milli jkollhom aċċess għal informazzjoni affidabbli dwar saħħithom, b'mod partikolari dwar l-istat tagħhom tal-HIV u l-prevenzjoni, l-iskrinjar, it-traċċar u t-trattamenti relatati;

14. Itenni l-oppożizzjoni soda tiegħu kontra l-piena tal-mewt f'kull mument u f'kull ċirkostanza; iqisha bħala trattament inuman u degradanti, li jmur kontra d-dinjità tal-bniedem;

15. Jilqa' x-xejra internazzjonali pożittiva lejn id-dekriminalizzazzjoni tal-omosesswalità, fejn 49 Stat Membru tan-NU wettqu riforma ġuridika f'dawn l-aħħar 30 sena, b'mod partikolari l-Mozambique fl-2015, il-Belize u s-Seychelles fl-2016, Trinidad u Tobago u l-Indja fl-2018, il-Botswana fl-2019, il-Gabon fl-2020, l-Angola u l-Bhutan fl-2021, Antigua u Barbuda, Singapore u Barbados fl-2022 u l-Gżejjer Cook fl-2023; ifakkar, madankollu, li hemm ukoll pajjiżi fejn il-liġijiet li jikkriminalizzaw ir-relazzjonijiet bejn persuni tal-istess sess saru aktar ħorox jew reġgħu ġew introdotti, bħaċ-Chad, il-Brunei, in-Niġerja u, fl-aħħar nett, l-Uganda, u dan jenfasizza l-ħtieġa ta' moviment universali li jippromwovi d-dekriminalizzazzjoni; ifakkar fil-preċedenti fejn korpi tan-NU ppreżentaw rikors legali kontra l-kriminalizzazzjoni, bħall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża *Toonen* v *Awstralja* fl-1994 u s-CEDAW fil-kawża *Rosanna Flamer-Caldera* v *Sri Lanka* fl-2022;

16. Ifakkar li l-promozzjoni tal-SDGs hija r-responsabbiltà tal-193 Stat Membru tan-NU li ffirmawhom, inkluża l-Uganda, u li l-għan tagħhom għandu jkun li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura"; jirrikonoxxi r-rabta inerenti bejn ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBTIQ u l-SDGs u jifhem li kwalunkwe prattika diskriminatorja, b'mod

partikolari waħda li tippreskrivi l-piena tal-mewt, tmur kontra dawn l-għanijiet b'mod radikali;

17. Jiċħad in-narrattiva żviluppata minn xi mexxejja politiċi u reliġjużi li l-omosesswalità u l-identità transġeneru huma kunċetti tal-Punent; ifakkar li l-biċċa l-kbira tal-liġijiet li jikkriminalizzaw l-omosesswalità u l-identità transġeneru fid-dinja għandhom l-oriġini tagħhom fil-liġijiet tas-setgħat kolonizzanti tal-Punent; jiddeplora t-tixrid ta' propaganda kontra l-LGBTIQ minn kwalunkwe attur barrani, inklużi dawk ibbażati fl-Ewropa, attivi fl-Uganda;

18. Jiċħad in-narrattiva li d-dekriminalizzazzjoni tal-omosesswalità u l-identità transġeneru tmur kontra l-prinċipji reliġjużi fundamentali jew tfixkel il-libertà tar-reliġjon; jilqa', f'dan ir-rigward, id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Papa fl-24 ta' Jannar 2023 li jaffermaw li l-liġijiet li jikkriminalizzaw l-omosesswalità u l-identità transġeneru huma "inġusti" u li "l-omosesswalità mhijiex reat";

19. Jinsab imħasseb dwar ir-retorika u l-movimenti globali attwali kontra d-drittijiet, kontra l-ġeneru u kontra l-LGBTIQ, li huma aġevolati minn mexxejja politiċi u reliġjużi madwar id-dinja, inkluż fi ħdan l-UE; jemmen li dawn il-movimenti jfixklu b'mod drammatiku l-isforzi biex tinkiseb id-dekriminalizzazzjoni universali tal-omosesswalità u l-identità transġeneru, peress li jilleġittimizzaw ir-retorika li tgħid li l-persuni LGBTIQ huma ideoloġija iktar milli bnedmin; jikkundanna bil-qawwa t-tixrid ta' tali retorika minn xi mexxejja politiċi u gvernijiet influwenti fl-UE;

20. Jesprimi tħassib dwar l-adozzjoni f'xi pajjiżi tal-hekk imsejħa abbozzi ta' liġi ta' propaganda kontra l-persuni gay, li jikkontribwixxu għal kultura ta' intolleranza u diskriminazzjoni, u jwissi dwar il-mod kif tali liġijiet jista' jkollhom effett sekondarju f'pajjiżi oħra, li jwitti t-triq għall-adozzjoni ta' miżuri iktar ħorox, bħall-kriminalizzazzjoni tar-relazzjonijiet sesswali bejn persuni tal-istess sess u aspetti oħra tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru, u l-karatteristiċi sesswali; jinnota li r-riċerka reċenti turi li t-teoriji ta' komplott u ta' diżinformazzjoni huma dejjem iktar popolari f'ħafna Stati Membri tal-UE; huwa mħasseb li l-mibegħda, il-komplotti u d-diżinformazzjoni online jwasslu għall-vjolenza offline u jistgħu jwasslu biex imutu n-nies; jinsab imħasseb dwar il-fatt li skont riċerka li saret mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Persuni Leżbjani, Gay, Bisesswali, Transesswali u Intersesswali[2], is-sena 2022 kienet l-iktar sena vjolenti għall-komunità LGBTIQ b'riżultat ta' diskors ta' mibegħda u diżinformazzjoni;

21. Huwa mħasseb dwar ix-xejra dejjem ikbar lejn il-kriminalizzazzjoni tal-LGBTIQ f' xi partijiet tal-Afrika, bħal fil-Ghana, in-Niġer u l-Kenja, fejn abbozzi ta' liġijiet simili għall-Abbozz ta' Liġi Ugandiż ġew proposti u qed jiġu eżaminati mill-parlamenti rispettivi tal-pajjiżi, u dwar il-probabbiltà li l-promulgazzjoni tal-Abbozz ta' Liġi tal-Uganda jkollha impatt sinifikanti fuq l-eżiti ta' dawn l-abbozzi ta' liġijiet;

22. Ifaħħar il-ħidma tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili madwar id-dinja li jiffukaw fuq id-drittijiet tal-bniedem fil-livell lokali, li jaħdmu bla waqfien biex jipproteġu u

[2] https://www.ilga-europe.org/report/annual-review-2023/.

jiddefendu l-persuni LGBTIQ u jiġġieldu kontra l-istigma u l-preġudizzju, xi minn daqqiet b'sogru għas-sikurezza tal-membri tagħhom; jemmen li l-Istati Membri u l-UE għandhom jappoġġjaw dawn l-organizzazzjonijiet u l-attivisti tas-soċjetà ċivili, inkluż finanzjarjament;

23. Ifakkar li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali madwar id-dinja hija prijorità għall-UE u li d-dekriminalizzazzjoni universali tal-omosesswalità u l-identità transġeneru hija objettiv li l-UE għandha tkompli ssegwi sakemm ikun meħtieġ;

**Sejħa għal azzjoni**

24. Jappella għad-dekriminalizzazzjoni universali tal-omosesswalità u l-identità transġeneru;

25. Jappella għall-abolizzjoni universali tal-piena tal-mewt;

26. Iħeġġeġ lit-63 pajjiż li għadhom m'għamlux dan biex jikkonformaw mal-liġi internazzjonali u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, leġiżlattivi jew mod ieħor, biex jiżguraw li l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru ma jibqgħux il-bażi għal sanzjonijiet kriminali;

27. Jistieden lill-President tal-Uganda Yoweri Museveni biex ma jippromulgax l-abbozz ta' Liġi u biex jirrifjuta kategorikament li jagħti l-kunsens tiegħu għal kwalunkwe inizjattiva simili fil-futur, filwaqt li jiskoraġġixxi tentattivi ulterjuri f'din id-direzzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ugandiżi jippromwovu l-prinċipji tat-tolleranza, l-aċċettazzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u jirrevedu kwalunkwe liġi li tikkriminalizza l-omosesswalità u l-identità transġeneru, b'mod partikolari skont it-taqsimiet 145 u 146 tal-Kodiċi Penali; Jistieden lill-awtoritajiet tal-Uganda jinvestigaw, iniedu proċedimenti kriminali u jissanzjonaw l-attakki kollha bbażati fuq il-mibegħda mwettqa kontra individwi u organizzazzjonijiet insegwitu tal-adozzjoni tal-Abbozz ta' Liġi, u jwaqqfu kwalunkwe azzjoni ta' ritaljazzjoni kontra l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili involuti fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-persuni LGBTIQ bħal raids u l-imblukkar tal-kontijiet tal-bank, billi dawn tal-aħħar huma kruċjali fil-provvediment ta' servizzi komunitarji;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jużaw il-mezzi diplomatiċi, legali u finanzjarji kollha meħtieġa għad-dispożizzjoni tagħhom biex jikkonvinċu lill-President tal-Uganda joqgħod lura milli jiffirma l-Abbozz ta' Liġi mgħoddi mill-Parlament tal-Uganda; ikompli jappella lill-UE tisfrutta b'mod sħiħ u effikaċi l-użu tad-djalogu politiku previst mill-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, kif ukoll is-Sett ta' Miżuri tal-Kunsill tal-UE għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tat-Tgawdija tad-Drittijiet tal-Bniedem kollha minn persuni Leżbjani, Omosesswali, Bisesswali u Transġeneru (sett ta' miżuri LGBT) u l-linji gwida li jakkumpanjawh fl-ambitu tad-djalogu tagħha mal-awtoritajiet Ugandiżi, bil-għan li tgħin biex l-omosesswalità tkun dekriminalizzata, tnaqqas il-vjolenza u d-diskriminazzjoni u tipproteġi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBT;

29. Iħeġġeġ lill-Espert Indipendenti tan-NU dwar il-protezzjoni kontra l-vjolenza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru biex jinvolvi ruħu malajr mal-President u l-Parlament tar-Repubblika tal-Uganda, l-attivisti LGBTIQ u l-awtoritajiet tal-Uganda sabiex jinkiseb aċċess bla xkiel għall-pajjiż;

30. Jekk l-Abbozz ta' Liġi jiġi ffirmat biex isir liġi mill-President tal-Uganda:

– jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tirtira l-preferenzi tal-EBA għall-Uganda f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 978/2012[3] abbażi ta' ksur serju u sistemiku tad-drittijiet tal-bniedem;

– jappella għal azzjoni immedjata skont il-klawżola ta' "elementi essenzjali" tal-Ftehim ta' Cotonou;

– jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) jikkunsidra li jiskatta r-reġim globali ta' sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem, peress li dan japplika bis-sħiħ għall-ksur jew l-abbużi li jippreskrivi l-Abbozz ta' Liġi;

– jinsisti li d-deċiżjonijiet meħuda u s-sanzjonijiet adottati fir-rigward tal-Uganda għandhom, bħala prijorità, jimmiraw u jaffettwaw il-mexxejja politiċi u reliġjużi li instigaw u appoġġjaw l-Abbozz ta' Liġi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tidderieġi l-kooperazzjoni u l-appoġġ tagħha lejn it-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet Ugandiżi LGBTIQ u tad-drittijiet tal-bniedem u jistieden lis-SEAE, lid-Delegazzjoni tal-UE għall-Uganda u lill-ambaxxati tal-Istati Membri fl-Uganda jappoġġjaw lill-membri tal-komunità, lis-sħab u lill-alleati permezz ta' pakkett ta' appoġġ immirat għal-LGBTIQ;

– jistieden lis-SEAE jżid l-isforzi tiegħu biex jiżgura li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-Uganda jkollhom aċċess għall-finanzjament, l-appoġġ, il-protezzjoni, ir-rilokazzjoni, il-viżi u l-kenn, fejn xieraq, f'konformità mal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem;

31. Jistieden lill-Kummissjoni, taħt is-superviżjoni tal-VP/RGħ, timmobilizza l-politiki esterni kollha tal-UE biex jintlaħaq l-objettiv li tiġi stabbilita strateġija tal-UE għad-dekriminalizzazzjoni universali tal-omosesswalità u l-identità transġeneru, li tkun tinkludi l-miżuri li ġejjin:

– il-ħolqien ta' koalizzjoni wiesgħa ta' dawk li jixtiequ jappoġġjaw dawn l-isforzi fi ħdan il-komunità internazzjonali ffukata fuq strumenti internazzjonali bħar-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU;

– id-dekriminalizzazzjoni tkun rekwiżit għall-aċċess għall-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi, inkluża l-iskema EBA, u l-irtirar tal-pajjiżi kollha li jkomplu

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008. ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1.

jikkriminalizzaw atti sesswali kunsenswali bejn persuni tal-istess sess mil-lista EBA;

– li tittieħed inkunsiderazzjoni l-inklużjoni ta' klawżola ta' "ebda rigress fuq id-drittijiet tal-bniedem" fil-ftehimiet ta' sħubija internazzjonali tagħha, li permezz tagħha sħubija, inklużi l-aspetti finanzjarji tagħha, tista' tiġi sospiża jekk pajjiż sieħeb jirrigressa fi kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż billi jikkriminalizza l-omosesswalità jew l-identità transġeneru;

– l-indirizzar b'mod sistematiku tal-kwistjoni tad-dekriminalizzazzjoni ta' atti sesswali kunsenswali bejn persuni tal-istess sess u ta' identitajiet differenti tal-ġeneru kif ukoll assistenza affermattiva tal-ġeneri fis-summits bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana, kif ukoll f'kull summit li jinvolvi l-pajjiżi kkonċernati, u l-għoti ta' post ċentrali lis-suġġett fid-diskussjonijiet futuri;

– l-inklużjoni fil-pakkett li jmiss dwar id-difiża tad-demokrazija, ta' azzjoni kontra sistemi ta' rakkomandazzjoni bbażati fuq l-interazzjonijiet fuq il-media soċjali peress li huwa magħruf li dawn is-sistemi jamplifikaw il-mibegħda u d-diżinformazzjoni;

– il-kontributi proattivi u sistematiċi tal-UE għar-rieżami perjodiku universali ta' kull pajjiż li għadu jikkriminalizza l-omosesswalità u l-identità transġeneru, filwaqt li jistieden lill-gvernijiet tagħhom jirrevokaw tali leġiżlazzjoni;

– l-estensjoni tal-appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tal-LGBTIQ fil-livell lokali u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem ibbażati f'pajjiżi li jikkriminalizzaw l-omosesswalità u l-identità transġeneru, u l-istabbiliment ta' fond tal-UE ddedikat biex joffri għajnuna finanzjarja, teknika u legali lil dawn l-organizzazzjonijiet kif ukoll lill-avukati involuti fl-isfida ta' dawn il-liġijiet fil-qrati internazzjonali;

– filwaqt li jieħu ispirazzjoni mid-deċiżjoni ta' Marzu 2023 dwar sanzjonijiet ibbażati fuq il-vjolenza sesswali u ksur ieħor tad-drittijiet tan-nisa biex jitfassal skattar iktar sistematiku tar-reġim globali ta' sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem kontra individwi u entitajiet responsabbli talli jipperpetwaw jew jinċitaw il-vjolenza kontra l-persuni LGBTIQ, speċjalment f'pajjiżi li għad għandhom u japplikaw dispożizzjonijiet li jikkriminalizzaw;

32. Jisħaq dwar l-importanza ta' perkorsi sikuri u legali tal-UE għall-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, inklużi l-persuni LGBTIQ li qed jaħarbu minn pajjiżi fejn jirriskjaw li jiġu ppersegwitati minħabba l-orjentazzjoni sesswali, l-identità jew l-espressjoni tal-ġeneru, jew il-karatteristiċi tas-sess tagħhom;

°

° °

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill,

lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Uganda, tradotta wkoll bis-Swahili, u lill-awtoritajiet tat-63 pajjiż ieħor li għadhom jikkriminalizzaw l-omosesswalità u l-identità transġeneru;